



Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

2017/2044(BUD)

31.8.2017

OPINJONI

tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar l-abbozz ta' baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018
(2017/2044(BUD))

Rapporteur għal opinjoni: Evžen Tošenovský

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jisħaq fuq il-fatt li l-baġit allokat għat-trasport u t-turiżmu għandu jkun skont l-importanza u l-kontribut ta' dawn is-setturi għat-tkabbir ekonomiku, għall-iżvilupp sostenibbli, għall-interessi tal-utenti u għall-eżistenza ta' impjiegi ta' kwalità tajba fl-Unjoni; jiddispjaċih, f'dan ir-rigward, li l-linji baġitarji relatati mas-settur tat-trasport fl-Intestatura la ġew imnaqqsa mill-Kunsill, u jitlob li dawn jerġgħu jiġu kif kienu fil-livell oriġinali tagħhom;
2. Itenni l-importanza tal-istrument ta' finanzjament tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF) biex jitlesta għalkollox in-netwerk TEN-T u biex titwettaq iż-Żona Unika Ewropea tat-Trasport; jisħaq li t-tnaqqis baġitarju lis-CEF li sar fil-passat, minħabba l-finanzjament tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS), għandu jiġi evitat fil-futur; jiddispjaċih li ma kienx possibbli li jinkiseb irkupru sħiħ tal-fondi għas-CEF; jistieden lill-Kummissjoni tressaq inizjattivi u regoli finanzjarji ġodda li jkunu japplikaw għal kombinazzjonijiet ta' għotjiet mill-finanzjament tas-CEF-Trasport u tal-FEIS;
3. jemmen li s-CEF hija strument vitali b'valur miżjud tal-Unjoni sinifikanti biex jiġi ottimizzat in-netwerk tat-trasport madwar l-Unjoni, billi tikkollega u/jew timmodernizza l-infrastrutturi tat-trasport ġodda u eżistenti u tiżgura l-interoperabilità tas-servizzi tat-trasport; iqis li l-fondi meħtieġa għandhom jiġu salvagwardjati sabiex jintlaħaq l-iskop primarju tas-CEF-Trasport, li għandha bħala għan in-netwerk ċentrali; jenfasizza l-ħtieġa ta' koordinazzjoni mtejba bejn l-Istati Membri sabiex tiġi żgurata l-konsistenza tal-proġetti transfruntiera bħala parti mill-infrastruttura ferrovjarja, tal-ajru u tat-toroq ċentrali; jisħaq ukoll fuq l-importanza tal-iffinanzjar tal-pjanijiet speċjali għat-titjib tal-infrastruttura li l-aktar li hija predisposta għad-deterjorament, bħalma huma l-pontijiet u l-passaġġi ta' taħt l-art; jenfasizza kemm hu importanti li jsir investiment fl-ajurporti reġjonali bħala katalizzatur għall-effiċjenza u l-produttività kummerċjali u għall-iżvilupp ekonomiku reġjonali;
4. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu promossi aktar il-proġetti ferrovjarji ta' veloċità għolja li jgħaqqdu l-partijiet tal-Punent u tal-Lvant tal-Ewropa; itenni l-importanza li jitlestew ir-rabtiet nieqsa f'konnessjonijiet ferrovjarji transfruntiera reġjonali żarmati u li tiġi mmodernizzata u mantnuta l-infrastruttura eżistenti tat-trasport li tippermetti kooperazzjoni aħjar bejn l-Istati Membri u/jew pajjiżi terzi, pereżempju l-ħolqien ta' makroreġjun tal-Baħar l-Iswed; jilqa' l-approċċ tal-Kummissjoni li tikkofinanzja l-istabbiliment mill-ġdid tal-konnessjonijiet ferrovjarji transfruntiera reġjonali li ġew żarmati jew abbandunati; jinnota li infrastruttura ottimizzata hija kruċjali għall-iżvilupp tar-"reġjuni li għadhom lura" fl-Unjoni, u jitlob lill-Kummissjoni tiżviluppa strumenti baġitarji speċifiċi li jappoġġjawha; iħeġġeġ lill-Istati Membri, lir-reġjuni transfruntiera u lill-Kummissjoni jkomplu jintensifikaw dawk il-proġetti maħsuba minn isfel għal fuq;
5. Jemmen li, fid-dawl tal-inizjattivi reċenti mill-Kummissjoni u mill-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) biex tingħata prijorità lis-self u lill-ġhodod finanzjarji ġodda, huwa importanti li jiġu pprovduti biżżejjed riżorsi għall-għotjiet, peress li l-għotjiet għadhom għodda essenzjali tal-finanzjament fis-settur tat-trasport, b'mod speċjali għall-infrastruttura u għal proġetti oħra, speċjalment fejn huwa previst nuqqas ta' investimenti

privati; ifakkar li, sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-programm TEN-T, huwa vitali li l-proġetti li huma ferm teknoloġiċi, bħalma hija s-Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku (ERTMS), jingħataw riżorsi adegwati, inkluż billi jiġu sfruttati l-opportunitajiet ta' sħubijiet pubbliċi-privati permezz tal-iskema tal-FEIS sabiex jiġu mobilizzati l-volumi meħtieġa matul il-bqija tal-qafas finanzjarju plurijennali (QFP) attwali; jenfasizza, madankollu, l-importanza tas-sinerġiji bejn id-diversi skemi ta' finanzjament bħalma huma s-CEF, il-FEIS u l-FSIE sabiex jiġi massimizzat l-impatt tal-fondi tal-Unjoni;

6. Jitlob lill-Kummissjoni tressaq rapport dwar l-implimentazzjoni u l-livell ta' użu tal-fondi strutturali u ta' koeżjoni fil-proġetti ta' infrastruttura, fejn tispeċifika liema minnhom jikkontribwixxu għall-iżvilupp tan-netwerk ewlieni, tal-kurituri u tan-netwerk komprensiv; jesiġi li l-Kummissjoni tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill ħarsiet ġenerali annwali tal-proġetti konkreti kollha tat-trasport u tat-turiżmu li huma kofinanzjati mill-Unjoni, inklużi dettalji tal-ammonti korrispondenti; jistieden ulterjorment lill-Kummissjoni biex fir-rigward tal-pakkett dwar il-mobilità li ġie ppubblikat dan l-aħħar, tippreżenta ħarsa ġenerali tal-postijiet ta' parkeġġ sikuri u siguri, eżistenti u pplanati, għax-xufiera tat-trakkijiet; jitlob lill-Kummissjoni tippreżenta stimi tal-kostijiet għall-immodernizzar tal-postijiet ta' parkeġġ eżistenti u għall-bini ta' postijiet ta' parkeġġ sikuri u siguri ġodda, u tesplora l-għażliet possibbli ta' skemi ta' finanzjament f'livell Ewropew;
7. Jenfasizza l-importanza tal-miri stabbiliti mill-COP 21 fir-rigward tat-trasport sabiex jiġi miġġieled it-tibdil fil-klima; jissottolinja li jenħtieġ li jkunu disponibbli mezzi finanzjarji biex tiġi żgurata ċaqliqa modali mit-trasport bit-triq għal mezzi ta' trasport sostenibbli, (ferrovjarji, fuq l-ilma u fl-ilmijiet navigabbli interni), u biex jiġu ottimizzati l-konnessjonijiet multimodali u jkun hemm bidla favur servizzi tat-trasport diġitali; itenni l-importanza li tissaħħaħ ekonomija ta' trasport b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju permezz tal-iżvilupp ta' kurituri tat-trasport ferrovjarju tal-merkanzija, li jirrappreżenta element essenzjali biex il-ġarr tal-merkanzija jiġi ttrasferit mit-triq għall-ferrovija u biex tittejjeb is-sostenibilità tat-trasport ferrovjarju; iqis li l-ERTMS jenħtieġ li tintuża sabiex jiġu massimizzati l-benefiċċji għall-interoperabilità taż-Żona Ferrovjarja Unika Ewropea; iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jinvestu fi trasport pubbliku integrat, intelliġenti u sostenibbli; jirrakkomanda wkoll li tingħata attenzjoni lit-tnaqqis tal-istorbju fit-trasport sabiex iċ-ċittadini jingħataw ambjent ta' kwalità għolja; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiffinanzja u tappoġġja proġetti li jiżviluppaw u jtejbu t-trasport fuq ix-xmajjar, bħalma huma t-tħammil u t-tindif tax-Xmara Danubju.
8. Jissottolinja r-rwol kritiku tas-Sistemi Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita Ewropej (GNSS) – Galileo u EGNOS – għas-sistema tat-trasport, b'mod partikolari għas-sigurtà, is-sikurezza, inkluż fis-setturi tat-trasport tal-avjazzjoni, bit-triq, bil-ferrovija u dak marittimu kif ukoll għall-iżvilupp u l-isfruttar ta' sistemi tat-trasport awtonomi u multimodali; itenni l-importanza ta' appoġġ finanzjarju suffiċjenti tal-applikazzjonijiet downstream u upstream fi ħdan il-baġits għall-programmi tal-GNSS Ewropea u Orizzont 2020; jiddispaċih għat-tnaqqis ta' 9,6 % fir-riżorsi għall-GNSS Ewropea - Galileo u EGNOS; iħeġġeġ li l-linji baġitarji ddedikati għall-programmi spazjali Ewropej, li mistennija jitnaqqsu b'5 % oħra, jergġu jinġiebu għal-livell primarju u li l-programmi spazjali, li l-kostijiet tagħhom m'għandhomx jiġu sottovalutati, ikomplu jiġu ffinanzjati b'mod adegwat;

9. Jistieden lill-Kummissjoni tissalvagwardja l-finanzjament għall-iżvilupp u l-forniment ta' infrastruttura u servizzi globali tar-radjunavigazzjoni bis-satellita għall-infrastruttura ta' Galileo u EGNOS; itenni kemm hu importanti li jiġu allokati biżżejjed fondi għall-2018 għal Galileo u EGNOS sabiex jiġu żgurati malajr servizzi tal-GNSS mingħajr interruzzjoni għal toroq intelliġenti u vetturi konnessi, ġestjoni intelliġenti tal-flotot u tal-merkanzija u tat-traffiku, bħalma huma l-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru (ATM), l-ERTMS, u eCall; iqis li l-finanzjament meħtieġ jenħtieġ li jiġi salvagwardjat għall-EGNOS sabiex il-kopertura tal-EGNOS tkun tista' tiġi estiża lejn l-Ewropa tax-Xlokk u lejn l-Ewropa tal-Lvant bħala prijorità u tkompli tiġi estiża lejn l-Afrika u l-Lvant Nofsani, u għall-iskop li jiġu akkwistati l-Istazzjonijiet ta' Telemetrija u ta' Kontroll tal-Integrità (RIMS) meħtieġa tal-EGNOS u l-interkonnessjoni tagħhom mas-sistema;
10. Jenfasizza l-kompiti kruċjali tal-aġenzija tal-GNSS Ewropea (GSA) f'dak li għandu x'jaqsam ma' Galileo u EGNOS u jirrikonoxxi wkoll il-kontribut tal-GSA għall-kompetittività u l-innovazzjoni teknoloġika tal-Unjoni; jesprimi tħassib li ġew allokati riżorsi insuffiċjenti għall-GSA biex din tkun tista' taqdi l-mandat tagħha u jemmen li huwa neċessarju għall-GSA li jkollha biżżejjed persunal, inklużi esperti speċjalizzati ħafna, sabiex tissalvagwardja t-tweqqif u l-isfruttament xierqa tal-programmi Ewropej tal-GNSS; jenfasizza b'mod ulterjuri l-kontribut importanti tal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (EASA) fil-kapaċità tagħha bħala l-awtorità taċ-ċertifikazzjoni għall-għoti ta' servizzi tal-EGNOS u fl-azzjonijiet preparatorji meħtieġa għas-sorveljanza tal-prestazzjoni ta' Galileo;
11. Jenfasizza l-importanza tal-aġenziji tat-trasport Ewropej għall-funzjonament tajjeb taż-żona Ewropea tat-trasport; iqis li l-aġenziji għandhom jiġu allokati riżorsi baġitarji adegwati, skont il-bidliet riċenti jew prevedibbli fir-responsabilitajiet tagħhom;
12. Jenfasizza kemm hu importanti li effettivament u definnittivament tiġi indirizzata l-kwistjoni tal-flussi migratorji, kemm jekk mill-baħar kemm jekk fuq l-art; jittama li l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima, l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u Frontex se jingħataw finanzjament xieraq għal pattulji tal-fruntieri esterni tal-Unjoni;
13. Jiġbed l-attenzjoni lejn l-isfidi tas-sigurtà u tas-sikurezza tal-avjazzjoni u l-importanza tal-kontribut tal-EASA f'dan il-qasam, b'mod partikolari fir-rigward tat-theddiet marbuta maċ-ċibersigurtà u mat-temp spazjali, kif ukoll f'dak li għandu x'jaqsam mas-sikurezza tal-passiġġieri li jtiru fi spazju tal-ajru mhux tal-Unjoni; jisħaq fuq l-importanza li jiġi allokati finanzjament adegwat lill-EASA sabiex jiġi żgurat it-teħid b'suċċess tar-responsabbiltajiet il-ġodda kif definiti fil-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jistabblixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹;
14. Jenfasizza, barra minn hekk, li l-EASA diġà naqqset 5 % tal-persunalfuq ħames snin, kif miftiehem fil-Ftehim Interistituzzjonali; iqis, għalhekk, li kwalunkwe tnaqqis ulterjuri propost mill-Kunsill jista' jipperikola l-funzjonament xieraq tal-EASA u jxekkel lill-EASA milli twestaq il-kompiti li diġà ġew assenjati lilha u dawk li se jiġu assenjati lilha mill-awtorità leġiżlattiva; jenfasizza wkoll li l-postijiet tax-xogħol ġodda tal-EASA li

¹ COM(2015)0613.

huma meħtieġa biex jitwettqu kompiti addizzjonali minħabba żviluppi ġodda ta' politika u leġislazzjoni ġdida jeħtieġ li jiġu magħduda barra minn kwalunkwe mira ta' tnaqqis;

15. Jenfasizza li l-postijiet tax-xogħol tal-EASA (inklużi l-pensjonijiet relatati) li huma kompletament iffinanzjati mill-industrija u għalhekk ma għandhom l-ebda impatt fuq il-baġit tal-Unjoni m'għandhomx ikunu soġġetti għal tnaqqis fil-persunal previst fil-Ftehim Interistituzzjonali;
16. Jenfasizza li għandu jitħalla għad-diskrezzjoni tal-EASA li żżid in-numru ta' postijiet tax-xogħol li huma totalment iffinanzjati mill-industrija matul is-sena finanzjarja skont kemm ikun qed ivarja l-ammont ta' xogħol, bħalma huma d-domandi tal-industrija; jenfasizza li, għal dan l-iskop, jenħtieġ li l-awtorità baġitarja, appartin n-numru ta' postijiet tax-xogħol iffinanzjati mit-tariffi u l-imposti li diġà huma awtorizzati permezz tal-adozzjoni tal-baġit tal-EASA, tindika wkoll il-perċentwal addizzjonali (sa limitu massimu ta' 10 %) ta' postijiet tax-xogħol li jistgħu jiġu permessi mill-Bord tat-Tmexxija tal-EASA fuq proposta tal-EASA biex ikun hemm rispons għal evoluzzjoni mhux prevista tad-domanda tas-suq; jissottolinja wkoll li d-deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija jenħtieġ li tkun ibbażata fuq valutazzjoni dokumentata tal-ammont ta' xogħol mhux previst u l-kriterji tal-effiċjenza;
17. Jenfasizza l-importanza ta' Orizzont 2020 għat-trawwim u l-appoġġ ta' proġetti relatati mar-riċerka u l-innovazzjoni fil-loġistika tat-trasport intelliġenti u fil-ġestjoni tal-mobilità intelliġenti, inklużi s-sewqan awtonomu, il-mobilità pubblika u kondiviża kif ukoll fis-sikurezza tat-trasport; jiddispjaċih dwar it-tnaqqis tal-finanzjament f'Orizzont 2020 marbut mar-riċerka u l-innovazzjoni għat-trasport, u jqis li l-kisba ta' trasport integrat intelliġenti li jkun sikur u mingħajr interruzzjonijiet jirrappreżenta valur miżjud sinifikanti tal-Unjoni għat-tisħiħ tas-sistema Ewropea tat-trasport; jissottolinja l-ħtieġa li jissaħħaħ il-kontribut ta' Orizzont 2020 u tas-CEF flimkien ma' għejun rilevanti oħra ta' finanzjament mill-Unjoni għall-proġetti ta' sikurezza, ta' sigurtà, ta' innovazzjoni u ta' diġitalizzazzjoni fil-qasam tal-avjazzjoni bl-involviment mill-qrib tal-EASA fl-akkwist u l-implimentazzjoni tagħhom;
18. Itenni kemm hu importanti li jiġi żgurat finanzjament xieraq għall-Impriżi Konġunti, fost l-oħrajn SESAR, SHIFT2RAIL u CLEAN SKY; iqis li l-Impriża Konġunta SHIFT2RAIL jenħtieġ li tagħti prijorità lill-proġetti ta' interoperabilità u timmassimizza l-benefiċċji għall-interoperabilità fiż-Żona Ferrovarja Unika Ewropea; iqis li huwa importanti li jkomplu jiġu allokati fondi li se jippermettu li l-infrastruttura tinżamm fi stat ta' manutenzjoni u li l-kriterji ta' kwalità jiġu rispettati, sabiex jiġu garantiti aktar protezzjoni tal-konsumatur u sikurezza;
19. Jenfasizza l-ħtieġa ta' finanzjament preċiż għall-implimentazzjoni tal-komponenti ta' SESAR bil-għan li jiġi żgurat l-użu tal-funzjonalitajiet tal-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru (ATM) li huma meqjusa essenzjali għat-titjib fil-prestazzjoni tas-sistema tal-ATM tal-Unjoni;
20. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta l-eżitu ta' proġetti pilota ta' suċċess u azzjonijiet preparatorji iffinanzjati matul dawn l-aħħar snin mill-baġit ġenerali tal-Unjoni. jitlob b'mod partikolari lill-Kummissjoni tippreżenta s-sitwazzjoni attwali tal-proġett pilota dwar spazju aktar nadif permezz ta' materjali ta' rtirar mill-orbita u innovattivi għall-apparat spazjali, sabiex tittejjeb l-effikaċja tal-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta futura applikata għas-settur spazjali;

21. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tkompli tagħti prijorità lill-finanzjament ta' miżuri tas-sigurtà u tas-sikurezza għall-mezzi kollha tat-trasport li jkollhom impatt fuq il-flussi tal-passiġġieri; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiffoka fuq is-sikurezza tal-utenti vulnerabbli tat-triq, bħalma huma l-persuni li jimxu, iċ-ċiklisti, u s-sewwieqa tal-muturi; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tappoġġja l-inizjattivi li jistgħu jtejbu s-sikurezza tat-toroq u b'hekk jgħinu biex jintlaħaq l-għan strateġiku li sal-2020 l-għadd ta' mwiet kif ukoll l-għadd ta' korrimenti serji fit-toroq Ewropej jitnaqqsu bin-nofs; jistieden lill-Kummissjoni tosserva d-distakk konsiderevoli li jeżisti fil-kwalità tal-infrastruttura bejn ir-"reġjuni li għadhom lura" u l-bqija tal-Ewropa, u jitlobha tintensifika l-investimenti fuq dawk tal-ewwel;
22. Jissottolinja l-importanza li jingħata appoġġ lit-turiżmu sostenibbli filwaqt li jiġu protetti s-sorsi tiegħu b'wirt naturali, kulturali, storiku u industrijali; jenfasizza l-importanza li norjentaw irwieħna lejn it-turiżmu sostenibbli, li jinvolvi koordinazzjoni aħjar bejn il-proġetti fil-qasam tat-turiżmu u tal-infrastruttura; jenfasizza fl-aħħar nett li l-promozzjoni tan-netwerk EuroVelo flimkien man-netwerk ferrovjarju TEN-T toffri benefiċċji ambjentali u ekonomiċi interessanti, mhux l-inqas għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs); jenfasizza li l-SMEs fis-setturi tat-trasport u tat-turiżmu qegħdin isibuha diffiċli biex jadattaw ruħhom għat-trasformazzjoni diġitali u għandhom bżonn l-appoġġ; jitlob għal aktar fondi għas-settur tat-turiżmu u speċjalment għall-SMEs u d-diġitizzazzjoni tagħhom; jemmen li jenħtieġ li jiġu allokati fondi għar-reġjuni muntanjużi, dawk rurali, dawk kostali, il-gżejjer u dawk remoti sabiex it-turiżmu jkompli jiġi żviluppat f'dawk iż-żoni;
23. Jinsab konvint ukoll li l-aċċessibilità bla xkiel għas-servizzi tat-turiżmu għall-persuni b'mobilità mnaqqsa għandha tkompli tiġi żviluppata; jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja għażliet varji għall-finanzjament ta' miżuri sabiex tiġi żgurata l-aċċessibilità tas-servizzi tat-trasport, tal-mezzi tat-trasport, tal-infrastruttura u taċ-ċentri (hubs) tat-trasport intermodali, kif ukoll miżuri ulterjuri biex tittejjeb l-aċċessibilità tat-trasport għall-persuni b'diżabilità;
24. Jilqa' l-inizjattiva l-ġdida InterRail u jqis li din tista' toffri lill-ġenerazzjoni aktar żagħżuġha ċ-ċans li jesploraw il-libertà ta' moviment billi jivvjaġġaw b'mod li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent u jitlob li dan il-proġett, bħal oħrajn fil-qasam tat-turiżmu, jiddaħħal f'linja baġitarja diretta u ddedikata li tkun indipendenti mill-Intestatura la relatata mas-settur tat-trasport u setturi oħra importanti għall-kompetittività u t-tkabbir tal-Unjoni; itenni l-appell preċedenti tiegħu lill-Kummissjoni biex tressaq proposti rilevanti f'dan ir-rigward;
25. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tippromwovi r-rivitalizzazzjoni ta' Ferroviji ta' Bil-Lejl Ewropej komdi bħala alternattiva sostenibbli għal titjiriet fuq distanza qasira u għal vjaġġar bil-karozza fuq distanzi twal;

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	31.8.2017
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 39 -: 1 0: 2
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Daniela Aiuto, Lucy Anderson, Inés Ayala Sender, Georges Bach, Deirdre Clune, Andor Deli, Isabella De Monte, Ismail Ertug, Jacqueline Foster, Dieter-Lebrecht Koch, Miltiadis Kyrkos, Peter Lundgren, Gesine Meissner, Cláudia Monteiro de Aguiar, Jens Nilsson, Markus Pieper, Salvatore Domenico Pogliese, Gabriele Preuß, Christine Revault D'Allonnes Bonnefoy, Dominique Riquet, Massimiliano Salini, David-Maria Sassoli, Claudia Schmidt, Claudia Țapardel, Keith Taylor, Pavel Telička, István Ujhelyi, Wim van de Camp, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Roberts Zile, Kosma Złotowski, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Matt Carthy, Jakop Dalunde, Bas Eickhout, Markus Ferber, Maria Grapini, Kateřina Konečná, Werner Kuhn, Franck Proust, Evžen Tošenovský, Matthijs van Miltenburg

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

39	+
ALDE	Gesine Meissner, Dominique Riquet, Pavel Telička, Matthijs van Miltenburg
ECR	Evžen Tošenovský, Roberts Zile, Kosma Złotowski
GUE/NGL	Matt Carthy, Kateřina Konečná
PPE	Georges Bach, Deirdre Clune, Andor Deli, Markus Ferber, Dieter-Lebrecht Koch, Werner Kuhn, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Cláudia Monteiro de Aguiar, Markus Pieper, Salvatore Domenico Pogliese, Franck Proust, Massimiliano Salini, Claudia Schmidt, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Wim van de Camp.
S&D	Lucy Anderson, Inés Ayala Sender, Isabella De Monte, Ismail Ertug, Maria Grapini, Miltiadis Kyrkos, Jens Nilsson, Gabriele Preuß, Christine Revault D'Allonnes Bonnefoy, David-Maria Sassoli, Claudia Țapardel, István Ujhelyi.
Verts/ALE	Jakop Dalunde, Bas Eickhout, Keith Taylor.

1	-
EFDD	Peter Lundgren

2	0
ECR	Jacqueline Foster
EFDD	Daniela Aiuto

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni